MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1092/2013

**HSBC Bank Malta plc (C.3177)**

**-VS-**

**Bolin Construction Limited (C.8698)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat minn P.L. Catherine Fenech in rapprezentanza ta'HSBC Bank Malta plc (C 3177) tat-13 ta' Novembru 2013, li jaqra hekk:

*1) Illi s-socjeta' Bolin Construstion Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' seba' mija u sebat elef, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€707,275.97) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal erba'mija u tlieta u tmenin elf,disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€483,982.78) ghal bilanc a debitu fil-'kont kurrenti (Overdraft Account numru 043-000553-340 qabel numru 438006346 u qabel numru 431004623) u s-somma ta'mitejn u tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u dsatax-il centezmu (€223,293.19) imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sat-28 ta' Marzu 2013 kif jidher mill-Istatement hawn anness u mmarkat Dok. A liema facilita' bankarja giet koncessa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tal-5 ta' Marzu 1998 (Dok. B);*

*Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata ghal hlas permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' April 2011 (Dok. C), hija baqghet inadempjenti;*

***GHALDAQSTANT****, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:*

1) *tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Bolin Construction Limited thallas lill-Bank attur is- somma sebat elef, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€707,275.97) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal erba' mija u tlieta u tmenin elf,disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€483,982.78) ghal bilanc ta'kont kurrenti (Overdraft Account - numru 043-000553-340 qabel numru 438006346 u qabel numru 431004623) u s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u dsatax-il centezmu*

*(€223,293.19) dovut bhala imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sat-28 ta' Marzu 2013 kif fuq spjegat;*

2) *tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank attur l-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma dovuta ta' €707,275.97 mid-29 ta' Marzu 2013 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April 2011, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti ezebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta'Jannar 2014, li bih il-Qorti akkordat ghoxrin (20) gurnata zmien mid-data tan-notifika ghar-risposta tas-socjeta' Bolin Construction Limited;

Rat illi s-socjeta' intimata baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta'Marzu 2014, li bih akkordat lis-socjeta' intimata terminu t'ghaxart ijiem sabiex tressaq s-sottomissjonijiet taghha, għall-finijiet tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghaldaqstant ma jesizti ebda ostakolu sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech, rapprezentant tal-bank rikorrenti, (vide fol 27 et seq tal-process) jirrizulta illi l-ammont pagabbli mis-socjeta' intimata kif indikat fir-rikors promotorju ghadu kollu dovut u l-istess socjeta' intimata ma ghamlet ebda hlas jew pagament akkont tal-ammont mitlub fir-rikors guramentat mid-data tal-prezentata tal-istess rikors guramentat. Ghaldaqstant is-somma ta' seba' mija u sebat elef, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€707,275.97) ghadha dovuta fl-interita' taghha, kwantu ghal erba' mija u tlieta u tmenin elf, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€483,982.78) ghal bilanc *Overdraft Account* (numru 043-000553-340) u kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u dsatax-il centezmu (€223,293.19), imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sat-28 ta' Marzu 2013.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kuntratt Dok. B, a fol. 7 et. seq, datat 5 ta' Marzu 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar, u x-xhieda tal-P.L. Catherine Fenech li ikkonfermat bil-gurament l-*Istatement of Accounts* Dok. A, a fol. 5 u 6, u l-ittra ufficjali Dok. C a fol. 13 datata 19 t'April 2011.

Illi di piu, fil-kontumacja tas-socjeta’ intimata, u fid-dawl tal-inadempjenza taghha ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank rikorrenti bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba mill-istess bank rikorrenti kontra s-socjeta’ intimata.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------